MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 201/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Joseph Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-
1. bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Gunju, 2007, bhala hawker fil-festa tas-Siggiewi, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'

provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82(2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;
2. fl-istess zmien u fl-istess post, naqas li jaghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51, 77(a) u (e) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e) u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta w il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax is-Skeda ta' l-istess Kap. 406, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu multa ta' sebgha mitt Euro (€ 700), u peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-appellant mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti w kwindi tilliberah skond il-Ligi. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghal kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti:-
1. Illi l-appellant ottempera ruhu mal-ligi billi hareg ricevuta fiskali ghal kull biegh li kien qieghed jaghmel liema haga ma kienetx michuda mill-istess prosekuzzjoni. 2. li hu kien qed jiehu parti f' din l-attivita' bhala *fund-raising* fejn xorta

kien qed jottempera ruhu mal-ligi. 3. fl-ebda stadju ma gie nnegat li ma nhargitx ricevuta fiskali tant li l-ufficjal tal-VAT ha r-ricevuta mill-individwu stess, liema ricevuta giet moghtija lil min xtara kif sari l-biegh biex b' hekk kollox kien konformi mal-ligi. 4. Di piu', hu kien mar id-Dipartiment tal-VAT fejn talab informazzjoni biex jassigura ruhu li jkun qed jikkonforma ruhu mal-ligi jekk hu jimxi w juza l-ktejjeb fiskali ghal kull biegh bil-konsegwenza li hu kien gie assigurat li hu kien ser jikkonforma ruhu mal-ligi u fil-fatt hekk ghamel. 5. Illi hawn st tratta ta' sitwazzjoni totalment straordinarja w pjuttost assurda fejn l-appellant qed jikkonforma ruhu mal-ligi wara li talab parir lill-istess Dipartiment u qed jigi akkuzat li ma harigx ricevuta fiskali, liema haga hi totalment u intrinsikament kontradittorja w inaccettabbli f' din is-sitwazzjoni.

Semghet ix-xiehda ta Paul Scicluna, Jonathan Fenech u tal-appellant;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

**Jonathan Fenech** xehed li fit-23 ta' Gunju, 2007, fil-festa tas-Siggiewi, hu w ufficjal ohra, certa Marvic Grech, kienu ghamlu *inspection* fil-Mac Nuggets Kiosk, fil-prezenza tal-appellant u hemm osserva zewg irgiel jixtru xi xorb li ghalihom hallsu LM2.25c u dawn ma nghatawx ricevuta. Huma identifikaw ruhom mal-appellant u mbaghad inharget ricevuta fuq it-talba taghhom. Huma kienu qalu lill-appellant li ghal dak it-tip ta' negozju, hu kellu juza *cash register*. Wara li telqu, l-appellant segwihom u b' mod irrabjat staqsiehom jekk kienux ser jirraportawh u li jekk kienu ser jaghmlu dan, kien ser jaghmel fattieh. Irrizultalu li l-appellant hu registrat bhala *panel beater* u li kien naqas li jissottometti xi *"returns"* tal-VAT.

**L-Appellant** xehed li dak in-nhar hu kien qed ibiegh *drinks* u *hotdogs/hamburgers* f' attivita' ta' *fund raising* ghal Fr. Martin Cilia ghal tfal tal-Peru jew Paraguay.

Kienu grupp ta' nies li qed jaghmlu dan il-"fund raising" u l-ewwel kienu marru ghand il-Kunsill Lokali li rreferewhom ghas-Sanita' w talbuhom il-VAT "number". Peress li VAT "number" ma kellhomx, l-appellant kien offra li juza l-ktieb tal-ircevuti tal-VAT tieghu bhala "panel beater". Mar id-Dipartiment tal-VAT biex jaccerta ruhu setax jaghmel dan u l-"customer care" qalulu li seta'. Hu kien qed johrog ricevuta fiskali bil-ktieb ghal kull biegh li kien qed jaghmel. Hu hareg ir-ricevuta fiskali esebita w din giet murija lilu mill-Inspector mara li kienet l-unika wahda li giet fuqu dak inhar, u qaltlu li mhux suppost johrog ricevuta hekk imma b'cash register.

Ikkonsidrat;

Kjarament hemm konflitt fil-provi dwar x'gara ezatt u cioe' jekk l-appellant kienx hareg ricevuta fiskali fuq il-ktieb ta' l-ircevuti tieghu qabel ma ntervjenew l-ufficjali tal-VAT, kif qed jghid hu, jew inkella li din l-ircevuta harigha biss wara li gie avvicinat mill-ufficjali tal-VAT u talbuh li johrog l-ircevuta.

Bil-mod nebuluz u vag kif xehed Jonathan Fenech, din il-Qorti m'hix konvinta sal-grad tac-certezza morali li ghandha taccetta dak li xehed Fenech bhala l-verita' w fuq bazi ta' probabbilta' l-verzjoni tal-appellant m'hemmx raguni ghaliex m'ghandix tigi accettata.

Jekk titwemmen il-verzjoni tal-appellant, u m'hemmx raguni ghaliex m'ghandix titwemmen, jigi li effettivament inharget ricevuta fiskali fil-hin li kellha tohrog.

Jibqa' pero' l-kwistjoni jekk tali ricevuta kienitx dik li kellha tinhareg fic-cirkostanzi, jew, stante illi l-appellant u shabu kienu qed ibieghu "retail", kellhix tinhareg ricevuta b'"cash register" kif jipprovdi s-Schedule 13 tal-Att nru. XXIII tan-1998.

Anki hawn l-appellant pero' jispjega b'mod kredibbli li kien mar appozitament fid-Dipartiment wara li kien kellem lil tal-Kunsill Lokali biex jara jekk ghall-attivita' ta' "fund raising" li kienet qed issir setax jaghmel uzu mill-"VAT

Receipt Book" personali tieghu jew le. Jghid li huwa kellem lill-ufficjal li kien hemm fil-"customer care" tal-VAT Department u semma' li kien l-ewwel wiehed fuq il-lemin fic-"channel" appozitu w qal li dan l-ufficjal assigurah li seta' jaghmel hekk. Mangabet ebda prova kuntrarja ghal din l-allegazzjoni.

Fl-istat tal-provi, kif instemghu quddiem din il-Qorti, din il-Qorti tara li l-kaz tal-prosekuzzjoni ma giex pruvat lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni w li sa fejn kien qed jidher l-appellant kien qed jimxi skond il-ligi bil-mod kif gie dirett li jaggixxi minn ufficjal fil-"customer care section" tad-Dipartiment.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------